Minuti tal-laqgħa numru sitta u ħamsin (56) tal-Kunsill Lokali tar-Rabat (KLR) li nżammet nhar l-Erbgħa, 9 ta' Novembru 2022 fis-6.00pm fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill, 34, Triq Inguanez, ir-Rabat.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Is-Sur Sandro Craus | Sindku |
| | Is-Sur Matthew Chetcuti | Viċi Sindku |
| | Is-Sa Doris Coleiro | Kunsillier |
| | Is-Sa Janice Busuttil | Kunsillier |
| | Is-Sur Kris Grech | Kunsillier |
| | Is-Sur Rudolph Grima | Kunsillier |
| | Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| | Is-Sur Norbert Grech | Kunsillier |
| | Is-Sur Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv (SE) |

| | | |
|---|---|---|
| 56.01 | **Talba u Qari tal-ittri ta' apoloġija**<br>Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal it-talba mal-kunsillieri u is-SE qal li ma kellux ittri ta' apoloġiji x'jinqraw. | Talba u apoloġiji |
| 56.02 | **Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti tas-seduta numru erbgħa u ħamsin (54) u tal-laqgħa straordinarja bin-numru ħamsa u ħamsin (55)**<br>Il-Minuti tal-laqgħat numru erbgħa u ħamsin u dik straordinarja bin-numru ħamsa u ħamsin kienu mqassma minn kmieni u imressqa għal vot mis-Sindku u ssekondati mis-Sa Doris Coleiro u kienu approvati b'vot unanimu. | Minuti |
| | **Punti mill-Minuti** | |
| 56.02.01 | Bħala punti mill-minuti tas-seduta numru ħamsa u ħamsin, kienu imsemmija it-trakkijiet kbar li qed jgħaddu minn Triq il-kbira. Dawn qed jitilgħu il-bankini u jkissruhom u għaldaqstant jista' jkun li qed iwettqu ħsarat fuq id-drenaġġ li hemm taħt it-triq u li ma nafux jekk iridx jinbidel jew le. Fuq il-proposta tat-twessiegħ tal-bankini bi 15-il ċentimetru fuq kull naħa, is-Sur Rudolph Grima qal illi għandna ninsistu illi dawn jitwessgħu bi 30 ċentimetru fuq naħa minnhom u tal-inqas ikunu jistgħu jgħaddu persuni b'diżabilità. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qabel miegħu u żied jgħid illi possibilment tissolva l-problema tal-pjattaforma tal-imwejjed u s-siġġijiet li hemm 'il barra fl-istess triq viċin Triq San Pawl. | Triq il-Kbira |
| 56.02.02 | L-appuntament li kien mitlub mas-Segretarju Permanenti tal-Edukazzjoni issa ingħata għal nhar is-16 ta' Diċembru 2022 fl-4.30pm | Skola Primarja Rabat |
| 56.02.03 | Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus u s-SE tkellmu fuq ix-xogħol ta' ri-kostruzzjoni li qed isir fil-Muniċipju fi 8 Triq l-Isptar. Huma qalu illi diversi travi ċedew hekk kif bdew jaħdmu fuqhom il-ħaddiema u s-SE esebixxa fuq il-monitor ras ta' travu tal-ħadid imqaċċta fil-ħajt li kien jirfed il-birthing chamber minħabba sadid eċċessiv li għerra l-materjal. Hawn intqal illi se jkollna nidħlu għall-bdil ta' dawn l-istess travi bil- | Xogħol fi 8 Triq l-Isptar |

| | | |
|---|---|---|
| | konsegwenza illi anke soqfa li ma kellhomx jinbidlu issa se jinqalgħu (madum, torba, xorok u travi). | |
| 56.03 | **Approvazzjoni taċ-ċedoli tal-pagamenti numru 341 u tal-*Works/Purchase Orders* numru 60**<br>Iċ-ċedoli tal-pagamenti numru 341 u dik tal-ordni tax-xogħlijiet u xiri 60 kienu approvati b'vot unanimu u ffirmati dak il-ħin stess. | Ċedoli |
| 56.04 | **Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**<br>Ma kienx hemm | MIstoqsijiet |
| 56.05 | **Ftehim dwar il-manutenzjoni tal-lift tal-passiġġieri taċ-Ċentru Ċiviku.**<br>Il-KLR jaqbel unanimament illi jieħu ir-responsabbilità tal-lift tal-passiġġieri li għadu kemm kien ri-installat fiċ-Ċentru Ċiviku biex żgur issir il-manutenzjoni u ma jiġrilux kif ġralu ta' qablu - li kellu jiġi *out of order* għal diversi snin. | Lift fiċ-Ċentru Ċiviku |
| 56.06 | **Rapport ta' Evalwazzjoni ta' Offerta ta' General Hand**<br>Ir-Rapport għadu ma wasalx. | Rapport tal-offerta |
| 56.07 | **Ftehim ma' Dar tal-Pubblikazzjonijiet biex ibiegħulna l-pubblikazzjonijiet tal-Kunsill Lokali tar-Rabat**<br>Il-ftehim ma' Miller Publications se jkun iffirmat biex nippruvaw inbiegħu aktar kotba li bħal issa huma stock rieqed b'potenzjal illi nippromwovu r-Rabat. | Commission |
| 56.08 | **Permessi tal-bini fil-Foss ta' San Pawl u f'Dar Ħanżira (Grapes Restaurant)**<br>Il-Kunsill Lokali tar-Rabat kien infurmat mis-SE illi se ssir laqgħa bejn il-Perit Elena Borg Costanzi li qed tieħu ħsieb l-iskedar tal-foss ta' San Pawl, għan-nom tal-Kunsill Lokali tar-Rabat mas-Sovratendenza għall-Patrimonju Kulturali fil-jiem li ġejjin. Issa għandna quddiemna l-applikazzjoni PA6720/22 li qed tipproponi pool fuq l-art tal-foss li biex issir wieħed irid iħaffer bil-fors sal-blat. Il-KLR qabel unanimament joġġezzjoni għal dan. Kif ukoll fuq il-PA 0167/20 tal-Grapes Restaurant. Il-proposta ta' 19-il suite f'dan is-sit kienet deskritta bħala proġett massiċċ li jistona mal-arkitettura storika tal-Mużew ta' Wignacourt li kważi tmiss miegħu fuq in-naħa ta' wara. | Żvilupp ta' bini eċċessiv li qed jippreġudika l-arkitettura u l-wirt kulturali |
| 56.09 | **Talba sabiex is-Sa Yvonne Spiteri tibda' taħdem bir-remote working**<br>It-talba sabiex is-Sa Yvonne Spiteri tibda' taħdem bir-*remote working* kienet approvata unanimament kif kienet approvata dik ta' skrivana oħra ftit tax-xhur ilu. | Remote Working |
| 56.10 | **Approvazzjoni biex jitwaħħlu cctv cameras fil-Pjazza tal-Parroċċa mir-Reġjun Punent u fi Ġnien Bir Iljun mil-KLR**<br>Il-KLR approva is-CCTV cameras fi Ġnien Bir Iljun li se jiffinanzja huwa stess iżda mhux dawk proposti fil-Pjazza tal-Parroċċa. Madankollu is-Sur Rudolph Grima qal illi jinħtieġ illi Triq Santa Rita tkun issorveljata wkoll minħabba id-*double parking* li qed ikun hemm sfaċċatament minn uħud li jaħsbu li xtraw it-triq. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus ippropona oħra fi Triq Rudolph Saliba fejn hemm il-dispenser tal-ħwejjeġ użati minħabba li qed jarmu l-affarijiet mal-art. | Cctv cameras |
| 56.11 | **Involviment fil-Pjan ta' Ħidma 2023-5 ta' Infrastruttura Malta (IM)- Għażla ta' toroq prijoritarji li jistgħu isiru fir-Rabat (ara ittra 10.10.22)**<br>Il-Kunsill Lokali tar-Rabat qabel unanimament illi għandna napplikaw għal dawn it-toroq f'din l-ordni: Katakombi, Kulleġġ, Konti Ruġġieru, San Publiju, parti minn Triq in-Namura, Triq Santa Barbara u Triq Anton Muscat Azzopardi. Il-lista se tkompli tiżdied sabiex nikkalkulaw li jkun hemm madwar 12000 metru kwadru fis-sena għat-tliet snin indikati fil-pjan ta' ħidma ta' IM. | Pjan ta' Ħidma ta' Infrastruttura Malta |

| | | |
|---|---|---|
| 56.12 | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tar-rapport ta' evalwazzjoni tal-offerta pubblika għal-poġġaman fi Triq Santa Rita.**<br>L-offerta ingħatat lil E & L Enterprises Ltd li kien l-aktar offerent bi prezz irħis u li kien *compliant* mal-ispeċifikazzjonijiet. | HandrailTriq Santa Rita |
| 56.13 | **Punti Oħra** | |
| 56.13.01 | Is-Sur Norbert Grech talab sabiex jitwal il-ħin li fih jaqsmu il-persuni minn fuq il-pellican crossing ta' quddiem il-Knisja ta' San Duminku għal 20 minuta. Se naraw jekk dan it-tul ta' ħin ikunx qed jiġġammja il-karozzi li jkollhom jieqfu. | Traffic Lights |
| 56.13.02 | Is-Sa Janice Busuttil qalet illi d-dwal tat-toroq ta' Pjazza Għeriexem mhux qiegħdin jixehlu. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qalilha illi kienu irrappurtati mil-istaff diġà. | Dwar tat-toroq |
| 56.13.03 | Is-Sur Norbert Grech talab sabiex isir restawr fuq it-telephone box stil vittorjan li tinsab fi Pjazza San Duminku. | Telephone Box |
| 56.13.04 | Is-Sur Norbert Grech talab biex il-KLR jieħu azzjoni fil-konfront tal-bosta bejtiet tal-hornets li hawn imxerrdin mar-Rabat. Hu irrefera għal dik li hemm quddiem San Franġisk imwaħħla ma fond privat (għadda n-numru ta' kuntatt lis-SE ta' sinjura li lmentat miegħu) u possibilment oħra/ajn fl-Isptar Santu Spirtu. | Invażjoni tal-Hornets |
| 56.13.05 | Is-Sa Janice Busuttil ilmentat minn dewmien żejjed fuq il-lift tal-passiġġieri li qed jinbena mill-Awtorità tal-Ippjanar ukoll fil-Pjazza Għeriexem. Dan qed joħloq skumdità għar-residenti u wkoll nuqqas ta' aċċess. | Lift tal-passiġġieri |
| 56.14 | **Aġġornament**<br>Il-KLR aġġorna fid-9.00pm u l-laqgħa li jmiss se tinżamm nhar it-Tlieta 6 ta' Diċembru fl-istess ħin peress li l-ikla tal-kunsillieri se ssir l-Erbgħa, 7 ta' Diċembru 2022 f'Ta' Klariġġ Restaurant. | Aġġornament |

**(IFFIRMATA)** **(IFFIRMATA)**

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 6/12/22 minn Sandro Craus

Segretarju Eżekuttiv Sindku